Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

2023/2129(DEC)

13.11.2023

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali

għall-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit

dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2022 – Il-Kummissjoni
(2023/2129(DEC))

Rapporteur għal opinjoni: Romana Tomc

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE għas-sena finanzjarja 2022,

– wara li kkunsidra r-rapport annwali tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri dwar l-aġenziji tal-UE għas-sena finanzjarja 2022,

1. Huwa inkwetat dwar il-fatt li sa tmiem l-2022, l-impenji pendenti totali laħqu livell rekord ta' aktar minn EUR 450 biljun; jieħu nota, madankollu, li, skont il-Kummissjoni, wara żieda ulterjuri għal madwar EUR 460 biljun fl-2023, l-impenji pendenti għandhom jonqsu bejn l-2024 u l-2027 għal EUR 314-il biljun;

2. Jesprimi sodisfazzjon li l-akbar parti tal-infiq tal-baġit tal-Unjoni fl-2022 marret għall-Intestatura 2 "Koeżjoni, reżiljenza u valuri" (EUR 79,1 biljun, jew 40,4 %);

3. Ifakkar li l-infiq taħt is-subintestatura "Koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali" (Subintestatura 2a) jiffoka fuq it-tnaqqis tad-disparitajiet fl-iżvilupp bejn l-Istati Membri u r-reġjuni differenti tal-UE; jisħaq fuq l-importanza tal-politika ta' koeżjoni tal-UE biex jingħata sostenn lill-implimentazzjoni tal-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali u tingħata għajnuna lill-Istati Membri u lir-reġjuni biex jaħtfu l-opportunitajiet il-ġodda u jindirizzaw l-isfidi, bħall-globalizzazzjoni, il-qgħad, il-bidliet industrijali, id-diġitalizzazzjoni u l-appoġġ tat-titjib tal-livell tal-kompetenzi u t-taħriġ mill-ġdid, u t-tagħlim tul il-ħajja;

4. Huwa inkwetat ħafna li l-livell ġenerali ta' żball kien materjali f'livell ta' 4,2 %, meta mqabbel ma' 3,0 % fl-2021; u huwa partikolarment inkwetat li l-livell ta' żball huwa prinċipalment xprunat mis-subintestatura "Koeżjoni, reżiljenza u valuri", li kienet l-akbar kontributur għal din ir-rata (2,5 %); jirrikonoxxi li l-maġġoranza tal-infiq f'dan il-qasam hija meqjusa bħala nefqa b'riskju għoli prinċipalment ibbażata fuq rimborżi u spiss soġġetta għal regoli kumplessi; jinnota li l-aktar żbalji komuni fl-ambitu tal-intestatura "Koeżjoni" kienu proġetti ineliġibbli u ksur tar-regoli tas-suq intern, b'mod partikolari nuqqas ta' konformità mar-regoli dwar l-akkwist pubbliku u dwar l-għajnuna mill-Istat; jitlob li tittieħed azzjoni urġenti biex titnaqqas ir-rata ta' żball fil-futur, speċjalment għall-perjodu l-ġdid ta' finanzjament, u jistieden lill-Kummissjoni tassisti lill-aġenziji biex itejbu l-proċeduri interni tagħhom sabiex jiżguraw il-konformità mar-regoli applikabbli dwar l-akkwist pubbliku u l-għajnuna mill-Istat;

5. Jinnota li t-telf tal-kapaċità tal-akkwist tal-baġit tal-UE se jaffettwa n-nefqa tiegħu fi gradi differenti, peress li partijiet mill-baġit tal-UE huma kostijiet fissi u tipikament jikkorrelataw mal-inflazzjoni, u għalhekk dawn il-partiti baġitarji se jiżdiedu aktar milli kien mistenni fil-bidu tal-perjodu tal-QFP; jirrikonoxxi li eżempju ewlieni ta' dan huma l-kostijiet amministrattivi, li huma affettwati mill-inflazzjoni; jinnota li fl-2022, il-Kummissjoni diġà kellha talloka EUR 0,2 biljun addizzjonali għall-intestatura 7 – Amministrazzjoni Pubblika Ewropea – minħabba ż-żieda fl-inflazzjoni u fil-prezzijiet

tal-enerġija;

6. Jisħaq li l-Kummissjoni għandha tivvaluta l-impatt fuq il-baġit tal-UE ta' inflazzjoni għolja li tibqa' sejra diversi snin u tidentifika għodod biex ittaffi r-riskji ewlenin li jirriżultaw; huwa tal-fehma li, f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni għandha tipproteġi l-kapaċità tal-baġit tal-UE li jissodisfa l-impenji legali u kuntrattwali tiegħu, bħaż-żieda fil-kostijiet ta' finanzjament;

7. Jistieden lill-Kummissjoni ssegwi u tieħu l-azzjoni meħtieġa fir-rigward tal-iżbalji kollha misjuba mill-Qorti u titlob korrezzjonijiet finanzjarji addizzjonali, fejn jitqies meħtieġ;

8. Jieħu nota tal-impenn tal-Kummissjoni li tkompli l-ħidma mill-qrib tagħha mal-awtoritajiet tal-awditjar sabiex issaħħaħ il-kapaċità tagħhom li jipprevjenu u jikkoreġu l-iżbalji, li jiddokumentaw aħjar ix-xogħol ta' awditjar tagħhom u għalhekk li jikkontribwixxu għall-proċess ta' assigurazzjoni;

9. Jitlob lill-Kummissjoni timplimenta mill-aktar fis possibbli r-rakkomandazzjonijiet pendenti kollha tal-Qorti.